# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar iT-Tlieta 18 ta' Gunju, 2002 .**

**Citazzjoni numru : 169/2000G1(PC)**

Joseph Buttigieg, u b'degriet tal-24 ta' April, 2001, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fis-sens illi l-isem l-attur ghandu jaqra, Joseph u Carmen Buttigieg .
vs

Dottor Anton Refalo illi b'degriet tat-tnax (12) ta' Settembru, 2000 inhatar bhala kuratur deputat sabiex jidher ghall-imsiefra Carmela sive Carrie mart Carmelo Camilleri.

Illum 18 ta'Gunju 2002.

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi huma Joseph u Carmen Buttigieg irrendew servigi, kuri u assistenzi lil missier l-attrur Michael Buttigieg illi miet fit-tnax (12) ta' April, tas-sena elfejn (2000) matul hajtu ;

Illi dawn is-servigi, kuri u assistenzi kienu jikkonsistu fost l-ohrajn f'illi l-attur jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' missieru Michael Buttigieg li kien joqghod bieb ma' bieb mieghu, fosthom tisjir, ikel, hasil, bzonnijiet medici u xoghol iehor, kif jiffizulta f'aktar dettal waat it-trattazzjoni ;

Illi dawn is-servigi, kuri u assistenzi kienu entita' u natura tali li ghandhom jigi retribwiti ;

Illi ta' dawn is-servigi, kuri u assistenzi l-atturi baqghu ma gewx ikkumpensati minkejja li kien hemm il-weghda tal-kumpens da parti ta' l-istess Michael Buttigieg ;

Illi l-eredi kollha tal-mejjet Michael Buttigieg u cioe' John, Anthony u Maria armla ta' Anthony Cutajar, ahwa Buttigieg, hlief ghall-konvenuta nomine accettaw li jikkumpensaw lill-atturi ghas-servigi, kuri u assistenzi

rezi minnhom lill-mejjet missierhom Michael Buttigieg, kif indikat ahjar permezz ta' skrittura datata dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ;

Illi l-konvenut nomine ghalkemm interpellat mill-atturi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tas-servigi mnnhom resi lil Michael Buttigieg, huwa baqa' inadempjenti .

Talbu lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-ammont ta' kumpens gust dovut lill-atturi in linea ta' servigi, kuri u assistenzi rezi lil Michael Buttigieg, missier l-attur Joseph Buttigieg .
2. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' kumpens hekk likwidat ;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) u bl-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Buttigieg .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa illi :

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni kwinwennali a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ;

2. Preliminarjament ukoll l-atturi jridu jipprova illi l-allegati servigi, kuri u assistenzi gew rezi b'animu ta' hlas u mhux "pietatis vel familiaritis causa" ;

3. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma infondati ;

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine mahlufa minnu .

Rat il-verbali tax-xhieda mismugha quddiem l-Assistent Gudizzjarju taghha .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-kumpens li jidhrilhom li haqqhom ghal diversi servigi li huma rrendew lil Michael Buttigieg, missier l-attur, matul diversi snin u partikolarment fl-ahhar snin ta' hajtu . Jitolbu wkoll il-kundanna tal-konvenut nomine, in

rapprezentanza ta' Carmela mart Carmelo Camilleri, din oht l-attur, ghall-hlas ta' l-ammont hekk likwidat . Jinghad mill-ewwel illi, gialadarba dawn it-talbiet saru fil-konfront biss ta' wahda mill-eredi ta' l-imsemmi Michael Buttigieg, il-kundanna ghall-hlas ghandha ssir biss ghal dak li jirrigwarda sehmha u mhux ghall-ammont kollu li talvolta jista' jigi likwidat a favur ta' l-atturi .

Irrizulta mill-provi prodotti illi l-imsemmi Michael Buttigieg miet intestat u halla jissopravivuh hames ulied, tlieta minn ta' l-ewwel zwieg u tnejn, fosthom l-attur, minn tat-tieni zwieg . Michael Buttigieg romol ghat-tieni darba madwar ghoxrin sena qabel miet . L-atturi bdew jirrendulu servigi minn dakinhar . Ghall-ewwel tliet snin wara li zzewgu kienu joqoghdu flimkien mieghu fl-istess dar . Imbaghad marru f'post iehor bieb ma' bieb mieghu u li kien jinfed ukoll minn wara . Kienu johdulu hsieb il-htigijiet kollha tieghu, inkluz tisjir, tindif tad-dar u kura personali u fizika, inkluz anke li jgibulu t-tabib kull meta kien hemm bzonn, jixtrulu l-medicini u johduh l-Isptar kull meta kien mehtieg, bhal meta ghamel divesi operazzjonijiet ghall-kataratta . Billi, kif anke kkonfermaw it-tobba kuranti ta' missier l-attur, dottor Salvino Galea u dottor Mario Saliba, d-decujus kien 'a heavy smoker' u kellu kemm il-pulmun u qalbu morda u kien effettwat ukoll mill-Parkinson's Disease . Ghalhekk xejn ma kien fi stat ta' sahha fizika tajba u kien jehtieg li jiddahhal l-isptar diversi drabi ghall-kura . Fl-ahhar snin ta' hajtu l-atturi kienu ukoll jibaghtu lil binhom jorqod mieghu, ghax ma setghux jafdawh wahdu . Infatti fl-ahhar zmien ta' hajtu Michael Buttigieg kien *bedridden*, kienu jitemghuh l-atturi ghax ma setghax izommu platt f'idu bir-roda, u kemm il-darba ukoll hammeg fis-sodda . Ghal xi zmien ukoll l-attrici fl-istess hin kienet qed tiehu kura anke ta' missierha li kien effetwat minn 'stroke' . Tant kienet tkun imhabbta li anke waqghet f'*depression* . Kien biss x'hin martu spiccat f'dak l-istat u missieru kien wasal fl-ahhar, li l-attur ddecieda li ma felahx idur aktar bih u baghtu l-isptar, fejn baqa' ghal madwar xahrejn sakemm miet .

L-ahwa subien ta' l-attur kkonfermaw dak kollu li xehdu l-atturi f'dan ir-rigward . Infatti rrizulta illi huma kienu qablu illi l-atturi ghandhom jigu kompensati ta' dak kollu li ghamlu ma' missierhom, billi jcedulhom sehemhom mid-dar fejn kien jirrisjedi d-decujus . Kienu anke ffirmaw skrittura f'dan is-sens . Spjegaw ukoll illi fil-fatt din il-kawza kellha ssir unikament ghax ohthom il-konvenuta, kif rapprezentata f'dawn il-proceduri mill-konvenut nomine, rrifjutat li taghti l-kunsens taghha ghal dak il-ftehim . Irrizulta wkoll mid-diversi ittri pprezentati mill-atturi, illi Carmela Camilleri kienet tirrikonoxxi dak kollu li l-atturi kienu qed jaghmlu ma' missierha . L-oggezzjoni ewlenija taghha li l-atturi jigu kkumpensati, kif jirrizulta mill-korrispondenza li rcieva minghandha l-kuratur taghha u li tinsab esebita wkoll fl-atti ta' din il-kawza, hija illi hi wkoll kienet ghamlet hafna ma' missierha u t-tieni mara tieghu . Infatti tghid f'din l-ittra illi qabel ma zzewget u emigrat, kienet taghmel il-facendi kollha tad-dar u tghin il-missierha fir-raba . Ghamlet ukoll hafna zmien tiehu hsieb omm l-attur meta din kienet mardet u sakemm mietet, u ta' dan kollu qatt ma giet ikkumpensata bl-ebda mod .

Fil-fehma tal-Qorti, pero', ma jfissirx illi ghaliex il-konvenuta, kif rapprezentata, ghazlet li ma tfittix ma' missierha, b'daqshekk huha wkoll kellu jitlef kull dritt li jigi kkumpensat ghal dak li huwa u martu ghamlu ghal zmien twil ma' l-imsemmi Michael Buttigieg . Huwa minnu illi dan kien jigi missier l-attur stess u allura *prima facie* tidher valida l-eccezzjoni tal-*familjaris vel pietatis kawza*, ghaliex hija haga naturali li l-ulied jiehdu hsieb lill-genituri taghhom fix-xjuhija u l-mard . Fil-kaz in ezami insibu madankollu illi kien l-attur biss minn hamest ahwa li kien ippreparat jibqa' jdur b'missieru kwazi sa l-ahhar . Il-konvenuta ilha msiefra ghal aktar minn ghoxrin sena u rritornat f'dawn il-gzejjer ghal vaganzi qosra biss . L-ahwa l-ohra ta' l-attur ghalkemm jirrisjedu fl-istess rahal ta' missierhom, ghazlu li ma jaghtux ghajnuna u hallew kollox f'idejn huhom Joseph u martu, ghax huwa kien joqghod l-aktar fil-qrib tieghu. Madankollu, kif gia nghad, jirrikonoxxu li l-atturi ghandhom jigu kkumpensati adegwatament ta' dak kollu li ghamlu .

Tezisti gurisprudenza vasta tal-Qrati taghna li laqghet il-principju illi *omnia labor optat premium* u ghalhekk hadd m'ghandu jigi presunt illi qed jirrendi servigi gratwitament u minghjar intenzjoni ta' xi kumpens . Hekk per ezempju f'sentenza ta' din il-Qorti li tigi ccitata regolarment f'kawzi simili : "Giuseppa Spiteri vs Henry Micallef et." (deciza: 5.3.1974) jinghad specifikatament illi :

" *In tema legali l-gurisprudenza taghna hija konkordi fil-principju li fil-kaz ta' servigi jista' jkun dovut kumpens anki jekk dan ma jkunx pattwit, meta mill-konkors tac-cirkostanzi jidher li l-hlas hu dovut . Gie kemm il-darba ritenut li l-prestazzjoni gratwita m'ghandhiex tkun prezunta, u l-intenzjoni li wiehed jirregala s-servigi tieghu u jirrinunzja ghall-kumpens m'ghandhiex tigi facilment akkolta . Hekk kwalunkwe servigi jigi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens; (ara Balzan et vs Degiogio et: 23.2.1959, Vol. XLIII. II. 649; Axiaq vs Mifsud et. : 9.1.1952, Vol. XXXVI .III. 588 u l-gurisprudenza hemm ikkwotata) . Dana ghandu japplika b'mod specjali fil-kaz ta' servigi hekk imsejha 'di bassa lega' bhal ma huma l-hasil tal-hwejjeg mahmuga u facendi tad-dar, ....."*

Irrizulta illi Michael Buttigieg kien jaghti lill-atturi gieli hames liri (lm5) jew erba' liri fix-xahar (Lm4) ghal dak li kienu jaghmlu mieghu . Xi kultant kien anke jinsa' u ma jaghtihom xejn ukoll . Meta dawn jew uliedu l-ohra kienu jghidulu biex jigu kkumpensati b'mod aktar adegwat, hu kien jirrifjuta ghax kien isostni li jrid jittratta l-uliedu kollha l-istess, u li jekk l-atturi kien jidhrilhom li ma gewx imhallsa bizzejjed setghu ifixxtu bil-Qorti . Li l-atturi ma setghux gew imhallsa xi ammonti sostanzjali minn Michael Buttigieg jirrizulta sodisfacentement minn diversi dokumenti esebiti mill-atturi . Hekk insibu illi missier l-attur dan l-ahhar, bhala introjtu kellu l-pensjoni tas-sigurta' nazzjonali u l-pensjoni tat-Tezor, ammontanti b'kollox ghal elf hames mija hamsa u sebghin lira (Lm1575) fis-sena (ara fol. 66-7 tal-process) . Mill-kopja tal-ktieb tal-bank tieghu (a fol. 68), jidher illi minn depozitu ta' elf lira maltija (Lm1000) li kien sar fl-20 ta' April 1999, sakemm miet f'April 2000, kellu

aktar minn erbat elef u sittt mitt lira maltija (Lm4600) fl-istess kont . Michael Buttigieg kien ihobb ukoll jghin hafna l-Missjoni (Dokti. JB 3 a fol.74-7) . Inoltre l-ahwa ta' l-attur jikkonfermaw illi kien hemm 'l fuq minn tmintax il-elf lira maltija (Lm18,000) fil-banek meta miet missierhom . Jidher ghalhekk illi, ghalkemm fl-ahhar snin ta' hajtu, meta Michael Buttigieg ma setghax johrog aktar mid-dar, kien ta prokura lill-attur biex isarraflu c-cekkijiet tal-pensjoni, rrizulta illi dan ma zamm xejn ghalieh hlief ghal xi ammont zghar hafna biex ikopri parti mill-ispejjez li kien jaghmel ghal missieru .

Huwa evidenti illi l-erba' jew hames liri fix-xahar li Michael Buttigieg kien jaghti lill-atturi b'mod mhux daqstant regolari, ma jissodisfawx il-pretensjonijiet ta' l-atturi ghal kumpens gust li certament haqqhom ghal dak kollu li ghamlu mieghu . Kif kellhom okkazjoni jippronunzjaw ruhhom il-Qrati taghna f'dan ir-rigward :

*"... persuna li tirrendi servigi jkollha dritt ta' suppliment ghal retribuzzjoni certa u determinata meta l-persuna servita tkun esigiet xoghol straordinarju li johrog mill-ftehim jew meta persuna li tirrendi s-servigi tkun accettat hlas zghir ghas-servigi meta tkun haqqha hlas akbar u dana taghmlu ghaliex tigi ttamata mill-persuna servuta li ser ikollha hlas akbar aktar tard u l-imsemmija tama ma tkunx sehhet" (Peter Vella vs Maria Schembri et. : Vol. LXVIII. III. 3.153; Virginia Abela vs Angela Micallef : vol. XXXIII. II. 423; Emmanuela Buhagiar vs Giovanni Ellul: Appell : 14.5.1948) .*

Huwa minnu illi l-atturi rrizultaw illi ilhom jirrendu servigi lil Michael Buttigeig sa minn meta mietet it-tieni mara tieghu, u cioe' ghalhekk ghal madwar ghoxrin sena . Imma l-konvenut nomine eccepixxa l-preskrizzjoni ta' hames snin, u fin-nuqqas ta' prova ta' l-interruzzjoni ta' l-istess preskrizzjoni fil-frattemp, billi ma sar l-ebda testment mid-decujus u lanqas xi rikonoxximent ta' dawn is-servigi b'xi skrittura jew mod iehor, il-kumpens illi jrid jigi likwidat a favur ta' l-atturi ghandu necessarjament jigi limitat ghall-ahhar hames snin tal-hajja tieghu .

Tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz tal-mezzi finanzjari tad-decujus, tal-familjarita' tieghu ma' l-atturi , tal-kwalita' ta' servizzi rezi u tal-modalitajiet ta' hlasijiet li jinghataw fiz-zmenijiet ta' llum ghal servizzi simili, l-Qorti hija tal-fehma illi rata ta' sitt liri maltin (Lm6) kuljum ghandha tkun sufficjenti ghall-ewwel sentejn, u rata ta' ghaxar liri (Lm10) kuljum ghall-ahhar tliet snin meta sahhet id-decujus aggravat hafna u kien jenhtieg li l-atturi jhalli lil binhom jorqod mieghu ukoll . Dawn ghalhekk igibu :

(i) ghall-ewwel sentejn : Lm 6 x 365 x 2 = Lm4380 ;
(ii) ghall-ahhar tliet snin: Lm10 x 365 x 3 = Lm10950 .

Billi d-decujus kien ihallas medja ta' hames liri kull xahar lill-atturi, iridu jitnaqqsu : Lm5 x 12 x 5 = Lm300 .

Billi wkoll d-decujus ghamel l-ahhar xahrejn ta' hajtu rikoverat l-isptar, kif ukoll zminijiet sporadici ohra gej u sejjer l-isptar u jaghmel hemm xi zmien kull darba, tenut kont pero' l-giri li kien ikollhom jaghmlu l-atturi biex johduh l-isptar u jergghu itellghuh id-dar kull darba, jixraq li jitnaqqsu wkoll : Lm8 x 80 = Lm640 .

B'hekk jigi li l-ammont li qed jigi likwidat ghas-servigi resi mill-atturi lid-decujus huwa :

Lm4380 + Lm10950 = Lm15330 - Lm300 - Lm640
= Lm14390 (erbatax il-elf tliet mija u disghin lira maltija) .

Kif gia nghad, l-atturi jistghu jirreklamaw minghand il-konvenut nomine sehem Carmela Camilleri mill-ammont kollu dovut bhala kumpens ghas-servigi rezi minnhom lil Michael Buttigieg fl-ahhar hames snin ta' hajtu . Ghaldaqstant, billi kien hemm hames (5) eredi tieghu *ex lege*, il-konvenut nomine huwa dovut ihallas biss wiehed minn hamsa (1/5) minn din is-somma u cioe' : elfejn tmien mija tmienja u sebghin lira maltija (LM2878) .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici bil-mod kif inghad u :

(i) tillikwida l-ammont ta' kumpens gust dovut lill-atturi in linea ta' servigi, kuri u assistenzi resi lil Michael Buttigieg, missier l-attur, fl-ahhar hames snin ta' hajtu fis-somma ta' erbatax il-elf tliet mija u disghin lira maltija (Lm14,390) ; u

(ii) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas l-ammont ta' elfejn tmien mija tmienja u sebghin lira matija (Lm2878) rapprezentanti sehem Carmela Camilleri, bint l-istess Michael Buttigieg, mill-kumpens hekk likwidat .

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-28 ta'Lulju 2000 kontra l-konvenut nomine .

(ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S16900G1(PC)
2186